



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.6.2025
COM(2025) 328 final

ANNEX

ANNEX

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Konfigurazzjoni tal-kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, rigward l-għoti reċiproku tat-trattament tas-suq intern mill-Unjoni Ewropea u mill-Ukrajna fir-rigward tas-settur tar-roaming f'networks pubbliċi tal-komunikazzjoni mobbli

DOKUMENT MEHMUŻ

ABBOZZ

DEĊIŻJONI Nru .../2025 TAL-KUMITAT TA' ASSOĊJAZZJONI UE-UKRAJNA FIL-KONFIGURAZZJONI TAL-KUMMERĊ

ta' ...

dwar l-għoti reċiproku ta' trattament tas-suq intern mill-Unjoni Ewropea u mill-Ukrajna fir-rigward tas-settur tar-roaming f'networks pubbliċi tal-komunikazzjoni mobbli

IL-KUMITAT TA' ASSOĊJAZZJONI FIL-KONFIGURAZZJONI TAL-KUMMERĊ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-“Kumitat għall-Kummerċ”),

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, u b'mod partikolari l-Artikolu 465(3) tiegħu u l-Artikolu 4(3) tal-Anness XVII tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra¹ (il-“Ftehim”) daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2017.
- (2) Il-preambolu għall-Ftehim jirrikonoxxi l-impenn tal-Ukrajna li gradwalment tapprossima l-leġiżlazzjoni tagħha ma' dik tal-Unjoni, skont il-linji stabbiliti fil-Ftehim, u timplimentaha b'mod effettiv, biex b'hekk tikkontribwixxi għall-integrazzjoni ekonomika gradwali u l-appfondiment tal-assoċjazzjoni politika tal-Ukrajna mal-Unjoni.
- (3) L-Artikolu 1(2)(d) tal-Ftehim jipprevedi li l-għanijiet tal-Ftehim jinkludu għajjnuna għall-isforzi tal-Ukrajna biex titlesta t-tranżizzjoni lejn ekonomija tas-suq li tiffunzjona permezz ta', fost oħrajn, l-approssimazzjoni progressiva tal-leġiżlazzjoni tagħha ma' dik tal-Unjoni.
- (4) Skont l-Artikolu 124 tal-Ftehim, il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Ukrajna ma' dik tal-Unjoni fis-settur tas-servizzi ta' telekomunikazzjoni. L-Ukrajna impenjat ruħha li tiżgura li l-liġijiet eżistenti u l-leġiżlazzjoni futura tagħha jkunu kompatibbli mal-acquis tal-Unjoni. L-Ukrajna hija mistennija testendi gradwalment l-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni tagħha għall-elementi kollha tal-acquis tal-Unjoni msemmija fl-Anness XVII l-Appendiċijiet minn XVII-2 sa XVII-5 tal-Ftehim. Ladarba jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet għal dan, dan jenħtieġ li jwassal għall-integrazzjoni gradwali tal-Ukrajna fis-suq intern tal-Unjoni, b'mod partikolari permezz tal-għoti reċiproku ta' trattament tas-suq intern f'konformità mal-Artikolu 4(3) tal-Anness XVII tal-Ftehim.
- (5) L-Ukrajna talbet aktar integrazzjoni fir-rigward tar-roaming f'networks pubbliċi tal-komunikazzjoni mobbli fl-Unjoni. B'mod partikolari, l-Ukrajna talbet trattament tas-suq intern għall-fini ta' roaming f'networks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli.

¹ ĠU L 161, 29.5.2014, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_international/2014/295/oj

- (6) Sabiex tkun tista' ssir it-tranżizzjoni gradwali tal-Ukrajna lejn il-promulgazzjoni sħiħa u l-implimentazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet applikabbli għas-settur tat-telekomunikazzjoni, b'mod partikolari dawk dwar ir-roaming f'networks pubbliċi tal-komunikazzjoni mobbli, id-Deċiżjoni Nru 1/2023 tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni UE-Ukrajna fil-Konfigurazzjoni tal-Kummerċ² ikkomplementat l-Appendiċi XVII-3 (ir-Regoli applikabbli għas-servizzi ta' telekomunikazzjoni) tal-Anness XVII tal-Ftehim bl-atti rilevanti tal-Unjoni relatati mar-roaming f'networks pubbliċi tal-komunikazzjoni mobbli.
- (7) Skont l-Artikolu 4(2) tal-Anness XVII tal-Ftehim, fis-7 ta' Novembru 2024, l-Ukrajna nnotifikat lill-Unjoni li qieset li ġew issodisfati l-kundizzjonijiet għall-promulgazzjoni u l-implimentazzjoni tal-acquis tal-Unjoni fis-settur tar-roaming f'networks pubbliċi tal-komunikazzjoni mobbli u talbet lill-Unjoni biex twettaq valutazzjoni komprensiva. Fis-6 ta' Ġunju 2025, l-Ukrajna ssupplimentat in-notifika inizjali tagħha wara li ffirmat fil-liġi l-aħħar miżura ta' traspożizzjoni li kien fadal.
- (8) Abbażi tal-valutazzjonijiet u l-monitoraġġ regolari skont l-Appendiċi XVII-6 tal-Anness XVII tal-Ftehim u l-Artikolu 4(2) tal-Anness XVII tal-Ftehim u filwaqt li jitqies l-impatt tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja li għaddejja kontra l-Ukrajna, id-Deċiżjoni 1/2025 tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni UE-Ukrajna fil-Konfigurazzjoni tal-Kummerċ³ introduċiet ċerti adattamenti speċifiċi addizzjonali għall-Parti A tal-Appendiċi XVII-3 tal-Anness XVII tal-Ftehim. B'mod partikolari, din id-Deċiżjoni tat lill-Ukrajna żmien addizzjonali biex timplimenta bis-sħiħ ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴, parti mill-acquis tal-Unjoni fis-settur tar-roaming f'networks pubbliċi tal-komunikazzjoni mobbli, mingħajr ma tipposponi deċiżjoni possibbli mill-Kumitat għall-Kummerċ dwar l-għoti ta' trattament tas-suq intern għar-roaming skont l-Artikolu 4(3) tal-Anness XVII tal-Ftehim.
- (9) Skont l-Artikolu 4(2) tal-Anness XVII tal-Ftehim, l-Unjoni Ewropea wettqet valutazzjoni komprensiva, iddeterminat abbażi tagħha li l-kundizzjonijiet huma ssodisfati, infurmat lill-Kumitat għall-Kummerċ kif xieraq u pproponiet li l-Kumitat għall-Kummerċ jiddeċiedi li l-Partijiet jagħtu lil xulxin trattament tas-suq intern fir-rigward tas-settur tar-roaming f'networks pubbliċi tal-komunikazzjoni mobbli.
- (10) Ladarba din id-deċiżjoni ssir applikabbli, l-acquis tar-roaming inkwistjoni, kif speċifikat fl-Anness XVII Appendiċi XVII-3 tal-Ftehim, irid jiġi applikat f'konformità mal-Anness XVII Appendiċi XVII-1 il-punti 1 sa 6 tal-Ftehim, sakemm ma jkunx previst mod ieħor fl-Anness XVII Appendiċi XVII-3 tal-Ftehim. Dan jimplika li l-acquis tal-Unjoni dwar ir-roaming kif definit fl-Appendiċi XVII-3 tal-Anness XVII

² Id-Deċiżjoni Nru 1/2023 tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni UE-Ukrajna fil-Konfigurazzjoni tal-Kummerċ tal-24 ta' April 2023 li timmodifika l-Appendiċi XVII-3 (ir-Regoli applikabbli għas-servizzi tat-telekomunikazzjoni) tal-Anness XVII tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra [2023/930] (ĠU L 123, 8.5.2023, p. 38, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/dec/2023/930/oj>).

³ Id-Deċiżjoni Nru 1/2025 tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni UE-Ukrajna fil-Konfigurazzjoni tal-Kummerċ tat-13 ta' Marzu 2025 li timmodifika l-Appendiċi XVII-3 Parti A (ir-Regoli applikabbli għas-servizzi tat-telekomunikazzjoni) tal-Anness XVII tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra.

⁴ Id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (ĠU L 321, 17.12.2018, p. 36, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2018/1972/oj>).

tal-Ftehim jenħtieġ li jinqara f'konformità mal-adattamenti li jinsabu fl-Appendiċi XVII-1 tal-Anness XVII tal-Ftehim u għalhekk id-drittijiet u l-obbligi kollha, li japplikaw għall-fornituri u għall-operaturi tas-servizzi tar-roaming fl-Unjoni bejniethom, se jkollhom jiġu estiżi fir-rigward tal-fornituri u tal-operaturi tas-servizzi tar-roaming fl-Ukrajna. Bl-istess mod, il-fornituri u l-operaturi tas-servizzi tar-roaming fl-Ukrajna se jkunu marbuta li japplikaw l-istess drittijiet u obbligi fir-rigward tal-fornituri u tal-operaturi tas-servizzi tar-roaming fl-Unjoni. L-utenti finali tal-Ukrajna u tal-Unjoni minn issa 'l quddiem se jibbenefikaw ukoll, bla riżerva għal ċerti limitazzjonijiet eċċezzjonali, minn servizzi tar-roaming irregolati bil-prezzijiet bl-imnut domestiċi tagħhom.

- (11) Biex l-impriżi li jipprovdu roaming f'networks pubbliċi tal-komunikazzjoni fl-Unjoni u fl-Ukrajna jkollhom iż-żmien meħtieġ biex jimplimentaw ir-rekwiżiti tekniċi u legali kollha li jirriżultaw mid-deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ, qed tiġi stabbilita data tal-applikazzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna jagħtu lil xulxin trattament tas-suq intern fir-rigward tas-settur tar-roaming f'networks pubbliċi tal-komunikazzjoni mobbli.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tfasslet bil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Françiża, Ġermaniża, Griega, Inġliża, Irlandiża, Kroata, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Żvediża, Taljana, Ungeriża u Ukrena, b'kull test ikun ugwalment awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha. Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2026.

*Għall-Kumitat ta' Assoċjazzjoni
fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ
Il-President
Is-Segretarji*